# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Mejju 2016**

**Numru 3**

**Rikors numru 18/09 AE**

**Aldo u Audrey konjugi Meli**

**v.**

**Il-Kummissarju tal-Artijiet u l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta[1]**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dawn huma appell principali maghmul mill-intimat Kummissarju tal-Artijiet [il-Kummissarju], u appell incidentali maghmul mill-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta [l-Awtorita` intimata], minn sentenza parzjali [is-

[1] B'digriet tat-28 ta' Ottubru 2010 il-Qorti awtorizzat korrezzjoni peress li t-tieni intimata kienet originarjament l-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta bhala successur fil-funzjonijiet tad-Dipartiment tat-Toroq.

sentenza appellata] moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza Kostituzzjonali taghha fil-5 ta' Ottubru 2015, li permezz taghha l-Qorti inter alia, cahdet l-eccezzjoni li r-rikorrenti ma ezawrewx ir-rimedji ordinarji; cahdet l-eccezzjoni li l-Kummissarju tal-Artijiet m'huwiex il-legittimu kontradittur; iddikjarat li d-dritt fundamentali tar-rikorrenti garantit bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea [il-Konvenzjoni] u tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni] gew lezi; bhala rimedju ordnat li sal-Hamis 31 ta' Dicembru 2015 l-intimati ghandhom jaghmlu dak kollu li hu necessarju sabiex isir l-espropriju tal-art murija fil-pjanta Dok PM7 a fol. 296 b'kejl komplessiv ta' mija u tmienja u disghin metri kwadri (198m²), u dan bil-mod kontemplat fl-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88); cahdet l-ilment relatat mal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, u qasmet l-ispejjez in kwantu ghal 80% a karigu tal-intimati u 20% a karigu tar-rikorrenti.

<u>Mertu</u>

2. In succint, il-kaz jittratta porzjon art maghrufha bhala tal-Qoton, sive ta' Habel il-Qoton, Birkirkara Bypass, Birkirkara. Parti mill-art kienet ittiehdet mill-Gvern sabiex issir il-Bypass ta' Birkirkara. Parti ohra tifforma parti minn *service road* li hemm ma' genb il-Bypass.

3. B'kuntratt tal-5 ta' Lulju 2000 (fol. 166) ir-rikorrenti akkwistaw minghand Midevconart partijiet mill-art maghrufa tal-Qoton, inkluz *"…. all rights belonging to the company on a plot of land which has been expropriated by the Government of the area of approximately two hundred eighty five square metres (285sq mts) which has been incorporated partly in Birkirkara By Pass and partly in a service road leading into Birkirkara By Pass…".* B'kuntratt tal-15 ta' Marzu 2007 pubblikat min-Nutar Keith German (fol. 174), ir-rikorrenti akkwistaw ukoll minghand il-Gvern id-dirett dominju fuq l-art hawn fuq imsemmija.

4. Fil-mori tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti, ir-rikorrenti iddikkjaraw li l-art li dwarha qed jitolbu l-esproprijazzjoni fiha kejl ta' 207.5 metri kwadri li minnhom 120m² intuzaw ghas-*service road* u 87.50m² ghall-Bypass (fol. 336), mentri l-Kummissarju tal-Artijiet isostni li l-art fiha kejl ta' 198m² li minnhom 78m² jifformaw parti mill-Bypass u 120m² hija s-*service road*. Fid-decizjoni taghha, l-ewwel Qorti adottat il-kejl ta' 198m² bhala l-art li ghandha tigi esproprijata skont il-pjanta Dok PM7 a fol. 296 tal-process. Fir-risposta tal-appell taghhom, ir-rikorrenti wkoll jirreferu ghal 198m² bhala kejl tal-art li ghandha tigi esproprijata.

5. Hemm qbil bejn il-partijiet illi ebda parti minn din l-art ma ghadha giet esproprijata mill-Gvern, inkluz dik il-parti fejn saret il-Bypass illi dwarha ma hemmx kontestazzjoni. Il-kontestazzjoni qeghdha fir-

rigward tas-*service road*, in kwantu l-intimati jsostnu li s-*service road* kienet diga` tezisti u maghmula minn terzi, filwaqt li r-rikorrenti qed jippretendu esproprijazzjoni wkoll fuq dik il-bicca mill-art taghhom li ttiehdet ghas-*service road*.

Is-Sentenza Appellata

6. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha tal-5 ta' Ottubru 2015, a bazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "1. Il-kaz jitratta dwar porzjon art maghrufa bhala tal-Qoton, sive ta' Habel il-Qoton, Birkirkara Bypass, Birkirkara. Parti mill-art kienet ittiehdet mill-Gvern fil-progett tal-Bypass ta' Birkirkara. Parti ohra tifforma parti minn service road li hemm ma' gemb il-Bypass. Jirrizulta li b'kuntratt tal-5 ta' Lulju 2000 ir-rikorrenti akkwistaw minghand Midevconart partijiet mill-art maghrufa tal-Qoton, inkluz *"…. all rights belonging to the company on a plot of land which has been expropriated by the Government of the area of approximately two hundred eighty five square metres (285sq mts) which has been incorporated partly in Birkirkara By Pass and partly in a service road leading into Birkirkara By Pass…"* (fol. 167). L-art tidher fil-pjanta a fol. 81 u mmarkata bin-numru 4.
>
> "Jirrizulta li b'kuntratt tal-15 ta' Marzu 2007 pubblikat min-nutar Keith German (fol. 174), ir-rikorrenti akkwistaw minghand il-Gvern id-dirett dominju fuq l-art oggett tal-kuntratt tal-5 ta' Lulju 2000, inkluz il-parti fuq imsemmija (fol. 175).
>
> "Fil-kors tal-gbir tal-provi r-rikorrenti rrivedew il-posizzjoni fis-sens li ddikjaraw li l-art fiha kejl ta' 207.5 metri kwadri li minnhom 120mk intuzaw ghas-*service road* u 87.50 ghal Bypass (fol. 336). Ghalhekk il-qorti ma tifhimx kif fin-nota ta' sottomissjonijiet ir-rikorrenti baqghu jsostnu li l-art fiha kejl ta' 285 mk[2]. Min-naha l-ohra l-Kummissarju tal-Artijiet isostni li l-art fiha kejl ta' 198 metri kwadri li minnhom 78mk jiffurmaw parti mill-Bypass u 120mk mis-*service road* (fol. 296).

[2] Ara paragrafu numru 29 tan-nota ta' sottomissjonijiet.

"2. Bejn il-kontendenti m'hemmx kontestazzjoni li sal-lum il-gurnata l-Gvern ghadu ma esproprijax dik il-parti mill-art li giet inkorporata fil-Bypass u li dan ghad irid isir[3].

"3. Il-kontestazzjoni hi fir-rigward tas-*service road*, in kwantu l-Gvern qieghed isostni li m'hemmx htiega ta' esproprijazzjoni u ghalhekk ir-rikorrenti m'ghandhomx jedd jithallsu kumpens. Il-Gvern qal li s-service road kienet diga' tezisti[4]. F'dan ir-rigward ufficjal tad-Dipartiment tal-Artijiet ipprezenta parti minn *survey* Dok FM8 (fol. 297)[5] fejn tidher is-*service road*. Pjanta li ghandha timbru tat-28 ta' Novembru 1985 tad-Drawing Office, Public Works Department. Il-qorti tosserva:-

"i. Il-qorti ma taqbilx li l-pjanta hi prova li s-*service road* kienet ezistenti meta nbniet il-Bypass. Il-pjanta saret sabiex id-Dipartiment tax-Xoghlijiet juri fejn kellha tigi esproprijata art biex tinbena l-Bypass. Pero' b'daqshekk ma jfissirx li fl-1985 is-*service road* kienet diga' nbniet. Is-survey kienet qeghda titratta biss l-art li kellha tigi esproprijata biex fuqha tinbena l-Bypass.

"ii Hadd mill-intimati ma ressaq provi cari tas-sena meta nbniet is-*service road*. Lanqas ma tressqu provi li din kienet *schemed road*.

"iii. Il-qorti ma taqbilx ma' Peter Mamo[6] li 'l fatt li fejn tidher l-ittra X fil-pjanta FM8 (fol. 297) kien hemm bini, allura jfisser li s-*service road* kienet diga tezisti[7].

"iv. M'hemm l-ebda prova li s-*service road* inbniet mill-privat.

"v. F'ittra datata 30 ta' Mejju 2008, l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta (fol. 297) talbet lill-Kummissarju tal-Artijiet sabiex jespropija proprju l-art in kontestazzjoni[8]. Ittra li ghaddiet minghand il-Ministru tal-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, is-Segretarju Permanenti tal-istess Ministeru, u Chairman Network Infrastructure Directorate[9]. Xehed ukoll Jeffrey Formosa[10] li qal: *"Skond informazzjoni mehuda mill-file bir-riferenza ta' WD2428/86,* ***l-art immarkata bil-blu fuq il-pjanta hawn annessa bhala Dok. JF 38 – pagna 1****, li hi*

---

[3] Ara wkoll nota prezentata fit-13 ta' Novembru 2012 (fol. 327).
[4] Peter Mamo xehed: *"Imbaghad hemm dik li jien irreferjt ghaliha bhala service road, cioe' l-parti indikata fid-dokument PM7, bil-kulur isfar. Din il-Gvern m'ghandux x'jaqsam maghha".*
[5] Is-survey plan kollu jinsab esebit a fol. 348.
[6] Ufficjal tad-Dipartiment tal-Artijiet.
[7] Peter Mamo xehed: *"Jien ghalija s-service road qieghda hemmhekk ghax hemm il-proprjeta' tan-nies fosthom ta' Meli u ghalhekk skond il-Kodici tal-Pulizija dik is-service road kellha tigi ffrumata u l-Gvern ma jidholx fiha din"* (fol. 308).
[8] *"Attached please find four in number (4 No) copies of Drawing No. RD147/07 showing in yellow colour the land to be expropriated at Triq Dun Karm, B'Kara which was needed for the formation of the B'Kara by-pass".*
[9] Ara firem fil-parti ta' fuq.
[10] Field officer mal-Awtorita ghat-Trasport f'Malta.

*proprjeta tas-sinjuri Aldo u Audrey Meli,* ***giet mehuda mid-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici ghall-kostruzzjoni ta' Birkirkara By-Pass, Birkirkara****. Ir-Roads Department u sussegwentement l-ADT u l-Awtorita ghat-Trasport f'Malta hadu over"* (fol. 197). L-art li tidher fil-pjanta Dok. JF 381 (fol. 268) hi proprju l-art oggett tal-kawza.

Fuq bazi ta' probabilita s-*service road* saret bhala parti mill-progett tal-Bypass ta' Birkirkara. Ovvjament *service road* kienet *sine qua non* meta tqies li l-progett kien jikkonsisti fil-bini ta' bypass. F'dan ir-rigward il-qorti taqbel perfettament mal-fehma li esprima l-perit Godwin Abela meta xehed fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2013[11].

"4. Irrispettivament taz-zmien meta nbniet is-*service road*, 'il fatt jibqa' li l-proprjeta tar-rikorrenti, sa minn qabel inbniet il-Bypass u akkwistawha r-rikorrenti, kellha faccata fuq Triq San Giljan. It-triq tidher fil-pjanta FM8 (fol. 297) u hi deskritta bhala **triq antika**. Rilevanti wkoll hi s-*site plan* Dok PM10 (fol. 299) li Peter Mamo[12] qal li hi *"….. kopja ta' parti minn survey sheet 5273 tas-sena 1968 li fuqha hemm super-imposed l-istess parti minn survey sheet 5273 tas-sena 2004"* (fol. 288), fejn tidher Triq San Giljan u l-proprjeta tar-rikorrenti b'faccata fuqha (punti A-B[13]). Dan ifisser li s-sid tal-immobbli, li fis-sena 2000 saret tar-rikorrenti, ma kellux bzonn li tinfetah is-*service road* gialadarba l-proprjeta tieghu diga' kellha faccata fuq Triq San Giljan. L-awturi tar-rikorrenti ma kellhomx bzonn jifthu triq biex ikollhom access ghall-proprjeta taghhom ghaliex kif rajna l-access kien jezisti direttament minn Triq San Giljan.

"5. Saret ghal min saret dik il-parti tas-*service road* li tokkupa parti mill-art tar-rikorrenti, kellha bilfors issir gialadarba l-art oggett tal-kuntratt tal-5 ta' Lulju 2000 spiccat tilfet id-daqs tal-faccata li kellha fuq Triq San Giljan. Ghalhekk il-qorti ma taqbilx mat-tezi tal-Gvern li s-sidien tal-art, li llum hi tar-rikorrenti, kellhom obbligu li jifthu t-triq biex ikunu jistghu jaghmlu zvilupp fuq l-art. Li kieku ma saritx il-Bypass li qasmet proprju minn Triq San Giljan, il-proprjeta tar-rikorrent kienet diga' moqdija b'faccata mdaqsa fuq Triq San Giljan. Fic-cirkostanzi hi l-fehma tal-qorti li din il-parti kellha **wkoll** tigi esproprijata gialadarba li saret proprju minhabba l-progett tal-Bypass u mhux ghaliex l-immobbli tal-attrici ma kellux mezz ta' dhul u hrug minn triq pubblika.

---

[11] *"Meta ghandha dual carriage way bilfors ghandek bzonn is-service road. Kif qed tara l-Qorti fuq Dok B fuq is-service road hemm id-djar. Il-faccata tad-djar jaghtu ghal fuq is-service road. Ma jistghux jaghtu ghal fuq id-dual carriage way. Ghalhekk jiena nsostni li din is-service road hi kumplimentari ghal bypass. Jekk ma kellekx taghmel service road ifisser li n-nies li ghandhom id-djar m'humiex ser johorgu minn darhom"* (fol. 334).
[12] Operations Manager fl-Acquistions (Technical) Section.
[13] Bl-ahmar.

"6. B'riferenza ghall-ilment tar-rikorrenti, dan ghandu jkun limitat biss mid-data li akkwistaw il-proprjeta (5 ta' Lulju 2000). Rimedji b'riferenza ghas-snin ta' qabel ma jikkoncernawx lir-rikorrenti gialadarba dak iz-zmien ma kienux sidien tal-proprjeta.

"7. L-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem gie spjegat hekk fil-kaz *Sporrong and Lonnroth v Sweden* (1982):-

*"This provision comprises three distinct rules.* ***The first rule, which is of a general nature enounces the principle of peaceful enjoyment of property****; it is set out in the frist sentence of the paragraph. The second rule covers deprivation of possessions and subjects it to certain conditions; it appears in the second sentence of the same paragraph. The third rule recognises that the (contracting) states are entitled, amongst other things, to control the use of property in accordance with the general interest, by enforcing such laws as they deem necessary for the purpose; it is contained in the second paragraph"*.

"8. Fin-nota ta' sottomissjonijiet ir-rikorrenti jilmentaw li l-kaz in ezami hu wiehed ta' esproprijazzjoni ***de facto***[14]. Il-qorti ma taqbilx. Sal-lum il-proprjeta ghadha tar-rikorrenti (ara l-kaz ta' **Papamichalopoulos**[15]) fejn il-Qorti Ewropea ddikjarat li: *"the applicants were unable either to make use of their property or to sell, bequeath, or make a gift of it; Mr Petros Papamichalopoulos […] was even refused access to it]"*[16]. Fil-kaz taghna c-cirkostanzi huma differenti.

"9. Fil-kaz **Alberghiera S.R.L. v Italy**, 30 ta' Mejju 2000, il-Qorti Ewropea osservat:

*"56. The Court reiterates that the first and most important requirement of Article 1 of Protocol No. 1 is that any interference by a public authority with* ***the peaceful enjoyment of possessions <u>should be lawful</u>****. The rule of law, one of the fundamental principles of a democratic society, is inherent in all the Articles of the Convention (see Iatridis cited above, § 58) and entails a duty on the part of the State or other public authority to comply with judicial orders or decisions against it"*.

Fil-kaz in ezami l-awtoritajiet qabdu u hadu l-pussess tal-art minghajr ma saret esproprijazzjoni skond il-procedura kontemplata fl-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88). Ma jistax jinghad li f'dak li ghamel l-Istat

---

[14] Ara paragrafu 23. Dwar esproprijazzjoni *de facto* ara per ezempju sentenza tal-Qorti Ewropea fil-kaz **Sporrong & Lonnroth**.
[15] 24 ta' Gunju 1993.
[16] Paragrafu 43 tas-sentenza.

matul dawn is-snin kollha kien qieghed jikkontrolla l-uzu tal-proprjeta **skond il-ligi**. M'ghandhomx ragun l-intimati li fir-risposti qalu li l-art ittiehdet gal skop pubbliku **skond il-ligi**. L-Istat ma jistax jaqbad jidhol fi hwejjeg in-nies minghajr ma jsegwi l-ligi. F'dan il-kaz il-ligi rilevanti hi l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88). L-istat ta' illegalita' kien sa mill-bidunett u baqa' jipperdura sal-lum gialadarba rrizulta li qatt ma sar espropriju. Id-decizjoni li tigi okkupata l-art in kwistjoni minghajr esproprijazzjoni, kienet illegali minkejja li hadd mhu ser jiddubita li l-progett tal-bypass sar fl-interess generali. Pero' l-interess generali wahdu m'huwiex bizzejjed. In-nuqqas ta' espropriju, li ghadu jipperdura sal-lum, igib mieghu ksur fid-dritt fundamentali protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Dan kollu japplika wkoll ghal finijiet tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni li jipprotegi lill-bniedem kontra l-privazzjoni tal-proprjeta minghajr kumpens.

"10. Ilment iehor tar-rikorrenti hu li kien hemm vjolazzjoni tad-dritt tar-rikorrenti ghall-access ghall-qrati kif protett fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea peress li l-agir tal-intimati jcahhad lir-rikorrenti mill-proceduri li jwasslu ghall-hlas ta' kumpens. F'dan ir-rigward il-qorti ma taqbilx. Ma kien hemm xejn x'izomm lir-rikorrenti milli jipproponu proceduri ntizi sabiex iwasslu ghall-esproprijazzjoni tal-art u eventwali hlas ta' kumpens lir-rikorrenti. Dan minkejja li l-art ghadha s'issa m'hijiex esproprijata.

"11. It-tieni ntimata ssostni li r-rikorrenti kellhom rimedji ordinarji. Hi d-diskrezzjoni ta' din il-qorti li ma tezercitax is-setghat taghha *'jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel'* minhabba l-ezistenza ta' rimedju iehor. Ma jfissirx li ghaliex ikun jezisti rimedju iehor din il-qorti ghandha awtomatikament ma tezercitax is-setghat taghha taht il-Kostituzzjoni u l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319)[17]. Ir-rikors promotur kien prezentat fit-3 ta' April 2009 u din l-eccezzjoni baqghet qatt ma giet deciza. Idealment materja bhal din ghandha tigi deciza fil-bidu ta' process u mhux wara li jkunu nstemghu l-provi kollha fil-meritu. Wara li l-qorti qieset dak kollu li nghad hawn fuq hi tal-fehma li anke jekk ir-rikorrenti setghu kellhom rimedji ordinarji, wara dawn is-snin kollha m'ghandux jibqa' jirrenja stat ta' incertezza. Hemm bzonn li l-kwistjoni tigi determinata darba ghal dejjem iktar u iktar meta tqies li l-pussess ghadu fi stat ta' illegalita' gialadarba qatt ma sar l-espropriju. Tkun ingustizzja gravi jekk f'dan l-istadju l-qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha u tibghat lir-rikorrenti sabiex jipproponu kawza ohra.

---

[17] *"Iżda l-qorti tista', jekk tqis li* ***jkun desiderabbli li hekk tagħmel****, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi ordinarja oħra".*

"12. It-tieni ntimata argumentat li kellha biss id-dmir tal-uzu, amministrazzjoni u thaddim tal-Bypass ta' Birkirkara skond l-Artikolu 26 tal-Kap. 332[18]. Il-qorti tosserva:-

"i. L-Att dwar l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta (Kap. 332) m'ghadux jezisti.
"ii. Kif Jeffrey Formosa stess qal li wara d-Dipartiment tax-Xogholijiet u sussegwentement *"Ir-Roads Department u sussegwentement l-ADT u l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta hadu over"* (fol. 197).
"iii. Irrizulta li hi l-Awtorita ntimata li trid tpoggi l-flus sabiex jithallas il-kumpens mid-Dipartiment tal-Artijiet. Dan apparti li din l-Awtorita hi s-successur tal-Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta li kienet talbet li jsir l-espropriju (fol. 266).
"iv. Iz-zewg intimati qeghdin wara kollox jirraprezentaw lill-Istat Malti.

"Ghalhekk dan l-ilment hu bla bazi.

"13. B'riferenza ghar-rikors tat-30 ta' Novembru 2010 (fol. 30B) li jidher li baqa' ma giex degretat, il-qorti hi tal-fehma li l-gudizzju hu diga' integru u ma kienx hemm il-htiega li l-Avukat Generali jkun parti ghal dawn il-proceduri. Fil-fehma tal-qorti ma tressqux argumenti li jikkonvincu lill-qorti dwar il-htiega li l-Avukat Generali jkun parti ghal f'din il-kawza. Ghalhekk ghal kull *buon fini* tichad it-talba."

## L-Appell Principali

7. L-intimat Kummissarju gie moghti l-permess sabiex jappella mis-sentenza appellata waqt l-udjenza tal-14 ta' Ottubru 2015, a tenur tal-Artikolu 231 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. L-istess appellant jibbaza l-appell tieghu, datat 2 ta' Novembru 2015 fuq is-segwenti aggravji (1) illi l-ewwel Qorti ma messhiex laqghet it-talbiet tar-rikorrenti dwar ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom skont l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-

[18] Att dwar l-Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta.

Konvenzjoni u, (2) illi l-ewwel Qorti ma messhiex ordnat ir-rimedju li sal-Hamis 31 ta' Dicembru 2015 l-intimati jaghmlu dak kollu li hu necessarju sabiex isir l-espropriju tal-art murija fil-pjanta Dok. PM7 a fol. 296 b'kejl komplessiv ta' 198m².

9. Ir-rikorrenti wiegbu b'risposta datata 16 ta' Novembru 2015 li permezz taghha issottomettew inter alia, illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma.

10. L-Awtorita` intimata wiegbet b'risposta datata 16 ta' Novembru 2015, fejn permezz taghha, ressqet ukoll appell incidentali, li permezz tieghu, fost affarijiet ohra, talbet lil din il-Qorti tiddeciedi illi r-rikorrenti ma ezawrewx ir-rimedji ordinarji; tiddeciedi illi l-ilment tar-rikorrenti ghandu jkun limitat biss mid-data li akkwistaw il-proprjeta` (5 ta' Lulju 2000); tiddeciedi li r-rikorrenti ma sofrew ebda ksur tad-drittijiet fundamentali protetti bl-artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali fuq citati vis-a-vis is-*service road*; tiddeciedi li hija ma baqghetx responsabbli ghall-ksur ta' dawn l-artikoli wkoll vis-a-vis il-Birkirkara Bypass ghall-perjodu wara li l-istess Awtorita` jew l-awturi taghha baghtu t-talba ghall-espropriju ghal din il-porzjoni art lill-Kummissarju; tichad it-talbiet tar-rikorrenti; tilqa' l-aggravji taghha u ghall-bqija tikkonferma s-sentenza; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti.

11. Fir-risposta taghhom ghall-appell incidentali tal-Awtorita`, ir-rikorrenti konjugi Meli jsostnu, fost affarijiet ohra, illi l-appell incidentali huwa null u ghandu jigi sfilzat mill-atti processwali stante li l-Awtorita` qed tabbuza minn dawn il-proceduri billi tinterponi appell, maskerat bhala appell incidentali, meta l-ewwel Qorti kienet cahditilha talba sabiex tappella, in kwantu r-rikors minnha ipprezentat quddiem dik il-Qorti sar *fuori termine*.

12. Ir-rikorrenti, wara li jiccitaw l-Artikolu 231[1][19] tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u, wara li jissenjalaw li d-dispozizzjonijiet kontenuti fl-istess kodici huma ta' ordni pubbliku, jissottomettu hekk:

> "Ma jidhirx lanqas li huwa legittimu illi l-awtorita` tintroduci appell incidentali fuq appell principali tal-konvenut l-iehor [Kummissarju tal-Artijiet]. Dan fis-sens illi, skont principju antik, *'il diritto di appellarsi incidentalmente spetta all' appellato contro l' appellante ma non contro altra parte in causa'* [Vol.XXVIII.I.269]. Qari anke superficjali tal-kontenut tal-appell incidentali juri li l-aggravji huma diretti fil-konfront tal-esponenti, li ma huwiex l-appellant. Anke dan wahdu ghandu jgib in-nullita` tal-appell incidentali in kwantu jezorbita mil-limiti impost mill-appell incidentali."

13. Il-Qorti tosserva li bl-emenda li saret bl-Att XXIV/1995 l-Artikolu

[19] Dan jaqra hekk: *'Jekk diversi kwistjonijiet f'kawża jinqatgħu b'sentenzi separati, jista' jsir appell minn kull waħda minn dawk is-sentenzi wara s-sentenza finali u fiż-żmien li jmiss li jibda jgħodd mill-jum meta tingħata l-aħħar sentenza; u f'dak l-appell għandhom jissemmew espressament is-sentenza jew sentenzi li minnhom isir appell: Iżda appell minn dawk is-sentenzi separati jista' jsir qabel l-aħħar sentenza biss bil-permess tal-qorti mogħti fil-qorti bil-miftuħ; u din it-talba għal permess biex isir appell għandha ssir jew verbalment meta tingħata s-sentenza jew b'rikors fi żmien sitt ijiem minn dik is-sentenza u meta jingħata dak il-permess biex isir appell minn dawk is-sentenzi separati, iż-żmien biex jiġi preżentat l-appell relattiv għandu jibda għaddej mill-jum minn meta jingħata dak il-permess fil-qorti bil-miftuħ.'*

240 kien gie sostitwit b'mod li llum, fit-termini tal-istess artikolu, " *….. appell inċidentali jista' jsir ukoll kontra u minn kull parti li ma tkunx waħda li kontra tagħha jkun sar l-appell skont l-Artikolu 144(1):..*".

14. Ghalhekk il-fatt li r-rikorrenti ma prezentawx appell xorta wahda fir-risposta taghha l-Awtorita` appellata setghet tappella incidentalment b'aggravji diretti lejn ir-rikorrenti u ghalhekk, il-fatt li r-rikors tal-Awtorita` ghall-awtorizzazzjoni ghall-permess biex tappella kien gie michud mill-ewwel Qorti ghax kien sar *fuori termine* ma jdghajjifx id-dritt procedurali taghha li tipprezenta appell incidentali skont l-Artikolu 240 fuq citat.

15. Ghaldaqstant il-punt procedurali sollevat mir-rikorrenti huwa legalment infondat.

<u>L-Appelli</u>

16. L-appell <u>principali</u>, dak tal-Kummissarju intimat huwa bazat fuq zewg aggravji: [1] li fir-rigward tas-*service road* ma kienx hemm tehid forzuz min-naha tal-gvern, filwaqt li fir-rigward tal-parti intiza ghall-kostruzzjoni tal-bypass ta' Birkirkara giet mehuda ghal skop pubbliku u [2] li l-Kummissarju ma setax jibda l-proceduri ghall-esproprijazzjoni formali u ghall-hlas tal-kumpens, stante li l-Awtorita` intimata naqset milli tghaddilu l-fondi necessarji.

17. L-appell <u>incidentali</u> tal-Awtorita` huwa bazat fuq hames aggravji: [1] li r-rikorrenti kellhom rimedji ordinarji ghall-ilmenti taghhom; [2] li l-ewwel Qorti ma tatx piz bizzejjed ghall-fatt li, filwaqt li r-rikorrenti kienu akkwistaw l-utile dominju fil-5 ta' Lulju 2000, huma akkwistaw id-dirett dominju fil-15 ta' Marzu 2007; [3] li, kuntrarjament ghal dak konkluz mill-ewwel Qorti, l-espropriju ma kellux jikkomprendi is-service road; [4] li kieku l-Kummissarju agixxa tempestivament ghat-talba ta' espropriju maghmula lilu mill-Awtorita` fil-5 ta' Dicembru 1985 "il-ksur ta' drittijiet fundamentali ikkontemplat mill-ewwel Qorti ma kienx ikompli jissussisti." u [5] li l-ewwel Qorti kellha "teskludi [mill-espropriju] kompletament l-art koncernanti s-service road.

<u>L-Aggravji</u>

18. Fl-<u>ewwel</u> aggravju tieghu l-Kummissarju jissottometti, inter alia, illi da parti tieghu ma sar l-ebda tehid forzus jew privazzjoni ta' proprjeta`. Isostni wkoll li trid issir distinzjoni bejn il-porzjoni art li fuqha giet zviluppata l-Bypass ta' Birkirkara u dik il-porzjoni li fuqha tinsab zviluppata *service road*. Dwar il-porzjon tal-ewwel jghid illi hu pacifiku li din ittiehdet ghal skop pubbliku u ghalhekk l-interferenza kienet wahda gustifikata ghax kellha ghan legittimu fl-interess generali, izda l-proceduri ta' espropriju skont il-Kap. 88 ma jistghux jibdew ghaliex l-

Awtorita` intimata ghadha ma ghaddietlux il-flus. Dwar it-tieni porzjon, dik fejn hemm is-*service road*, jghid li ma sehh ebda tehid jew privazzjoni ta' art privata ghaliex l-imsemmija *service road* kienet saret fuq triq li kienet diga` ezistenti u li fil-passat kienet miftuha, x'aktarx minn terzi li kellhom bzonn jghaddu ghall-proprjeta` taghhom.

19. Fit-tieni aggravju tieghu, il-Kummissarju jilmenta mir-rimedju akkordat mill-ewwel Qorti dwar il-bicca art li fuqha gie zviluppat il-Bypass ghax, ghalkemm saret it-talba formali, il-procedura tal-espropriju ma tistax tibda ghax l-Awtorita` ghadha ma ghaddietlux il-fondi ghal dan l-iskop. Ghal dak li jirrigwarda s-*service road*, jghid li qatt ma kellu jigi ordnat illi jesproprija din il-bicca art peress li t-triq kienet diga` tezisti.

20. Ir-rikorrenti, konjugi Meli, iwiegbu ghall-ewwel aggravju, inter alia billi jghidu li skont il-Kap. 88 huwa l-Kummissarju l-Awtorita` kompetenti u ghalhekk legalment responsabbli ghall-proceduri tal-espropriju u ghall-hlas tal-kumpens. Jghidu li fil-kaz taghhom, il-privazzjoni tal-proprjeta` saret b'abbuz tal-ligi ghax ma kenitx giet segwita l-procedura preskritta mil-ligi. Dwar is-*service road* josservaw, fost affarijiet ohra, illi l-pjanta Dok PM8 ipprezentata mal-affidavit ta' Peter Mamo ma tindika b'ebda mod konklussiv li din it-triq kienet gia` mibnija. Jissottomettu li skont ix-xhieda tal-Perit Godwin Abela, il-formazzjoni ta' service road hija *sine qua non* ghall-bini ta' Bypass. Barra minn hekk, jghidu li, il-proprjeta`

taghhom diga` kellha faccata fuq Triq San Giljan u ghalhekk is-sid precedenti tal-proprjeta` *de quo* ma kellux bzonn li jiftah *service road*. Jghidu wkoll li "Saret ghal min saret, dik il-parti tas-*service road*, kellha bilfors issir galadarba l-art oggett tal-kuntratt tal-5 ta' Lulju 2000 spiccat tilfet id-daqs tal-faccata li kellha fuq Triq San Giljan". Ghalhekk jghidu li haqqhom kumpens ghat-telfien ta' 198m² shah fil-proprjeta` taghhom.

21. Dwar it-tieni aggravju tal-Kummissarju, ir-rikorrenti jwiegbu illi t-talbiet formali ghall-espropriju ilhom li saru snin twal, kemm minnhom u kif ukoll mill-awtoritajiet fosthom l-ADT [illum Awtorita` ghat-Trasport f'Malta]. Jghidu wkoll li ma hijiex problema taghhom jekk l-Awtorita` ghadditx jew le l-fondi ghall-espropriju lill-Kummissarju, ghax f'kull kaz, skont il-Kap. 88 ir-responsabbilta` tal-procedura tal-espropriju taqa' fuq il-Kummissarju.

22. Fir-risposta taghha, l-Awtorita` intimata twiegeb inter alia, illi l-ewwel Qorti zbaljat meta ma ghamlitx distinzjoni bejn iz-zewg porzjonijiet ta' art ghaliex fiwaqt li fir-rigward tal-art tal-kejl ta' 78m² li fuqha giet formata l-Birkirkara Bypass ma hemmx kontestazzjoni li ghandu jitkompla l-process ta' esproprijazzjoni, fir-rigward tal-kejl ta' 120m² ossia s-*service road*, hija taqbel ma' dak sottomess mill-Kummissarju appellanti jigifieri li ma sehh ebda tehid jew privazzjoni ta' art privata u li tali porzjon art formanti s-*service road* ma ghandhiex tkun

soggetta ghall-espropriju.

Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti

*L-ewwel aggravju tal-appell incidentali*

23. Dan jirrigwarda l-eccezzjoni sollevata mill-Awtorita` quddiem l-ewwel Qorti, li hi fis-sens li din kellha tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha stante li r-rikorrenti kellhom disponibbli rimedji ordinarji ghall-ilment taghhom. L-ewwel Qorti cahdet dan ir-rimedju wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet in propozitu:

> “11. It-tieni intimata ssostni li r-rikorrenti kellhom rimedji ordinarji. Hi d-diskrezzjoni ta’ din il-qorti li ma tezercitax is-setghat taghha ‘*jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel’* minhabba l-ezistenza ta’ rimedju iehor. Ma jfissirx li ghaliex ikun jezisti rimedju iehor din il-qorti ghandha awtomatikament ma tezercitax is-setghat taghha taht il-Kostituzzjoni u l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319). Ir-rikors promotur kien prezentat fit-3 ta’ April 2009 u din l-eccezzjoni baqghet qatt ma giet deciza. Idealment materja bhal din ghandha tigi deciza fil-bidu ta’ process u mhux wara li jkunu nstemghu l-provi kollha fil-meritu. Wara li l-qorti qieset dak kollu li nghad hawn fuq hi tal-fehma li anke jekk ir-rikorrenti setghu kellhom rimedji ordinarji, wara dawn is-snin kollha m’ghandux jibqa’ jirrenja stat ta’ incertezza. Hemm bzonn li l-kwistjoni tigi determinata darba ghal dejjem iktar u iktar meta tqies li l-pussess ghadu fi stat ta’ illegalita` gialadarba qatt ma sar l-espropriju. Tkun ingustizzja gravi jekk fdan l-istadju l-qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha u tibghat lir-rikorrenti sabiex jipproponu kawza ohra.”

24. Din il-Qorti taqbel pjenament mal-ewwel Qorti li fic-cirkostanzi ma kienx desiderabbli li dik il-Qorti tirrifjuta li tezercita s-setghat kostituzzjonali tenut kont tal-fatt li minkejja li ghaddew dawn is-snin

kollha mid-data li fiha ttiehdet l-art tar-rikorrenti l-pussess da parti tal-intimati ghadu fi stat ta' illegalita`. Ghalhekk din il-Qorti ma tarax li l-ewwel Qorti ezercitat b'mod skorrett id-diskrezzjoni taghha fir-rigward.

25. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi respint.

*Iz-zewg aggravji tal-appell principali* tal-Kummissarju tal-Artijiet u *t-tielet u l-hames aggravji tal-appell incidentali.*

26. Fl-ewwel lok, tirribadixxi li bhala qorti ta' revizjoni normalment ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk mhux f'kaz ta' xi zball manifest li jwassal sabiex parti jew ohra issofri ingustizzja.

27. In tema legali, dwar id-dritt fundamentali garantit bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, issir referenza ghal dak li ntqal minn Peter van Dijk f'**Theory and Practice of the European Convention of Human Rights**[20]:-

> "Under this head the Court examines 1) whether the deprivation had a "public interest" aim"; 2) whether the measure was proportionate in relation to the aim pursued; and 3) whether the measure was lawful, i.e. "provided for by law and by the 'general principles of law."

[20] Fourth edition, Pg 878 – 879.

28. Filwaqt li din il-Qorti taghmel referenza ghall-Artikolu 3 tal-Kap. 88 illi jaghti l-fakolta` lill-President ta' Malta li jiddikjara illi art hija mehtiega ghal skop pubbliku, tosserva wkoll illi meta kienet originarjament promulgata l-Ordinanza Dwar it-Tehid tal-Art ghal Skop Pubbliku tramite il-procedura tal-esproprijazzjoni, il-legislatur kien mhux biss haseb ghat-tehid immedjat tal-pussess sabiex tigi utilizzata ghall-iskop li ghalih tkun giet esproprijata, imma wkoll ghal process spedit ta' likwidazzjoni ta' kumpens dovut anke bit-twaqqif ta' tribunal kwazi gudizzjarju b'kompetenza teknika in materja. L-iskop tal-legislatur zgur li ma kienx illi l-Gvern ikun jista` jiehu l-pussess immedjat ta' bicca art tal-privat, jutilizzaha ghal ghexieren ta' snin u xi darba jhallas kumpens. [vide in subjecta materja Q. Kos. **Pawlu Cachia v. Avukat Generali** 28 ta' Dicembru 2001].

29. Issir referenza wkoll ghas-sentenza ta' din il-Qorti deciza fil-25 ta' Novembru 2011 fl-ismijiet, **Montanaro Gauci Gerald Et v. Direttur Akkomodazzjoni Socjali**, fejn il-Qorti, dwar vjolazzjoni tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja sahqet illi:

> 'L-ezercizzju li jrid isir taht dan l-artikolu huwa s-segwenti: Are 'possessions' involved which fall within this provision? If so, does the measure constitute a deprivation, a control of use or an interference with peaceful enjoyment? Compliance: Legitimate aim (whether in general or public interest); lawfulness; margin of appreciation and proportionality (including procedural safeguards, compensation).'

30. Fil-mertu, jirrizulta inkontestat[21] illi fil-kaz odjern ghadha lanqas biss giet ippubblikata d-dikjarazzjoni presidenzjali ghall-esproprijazzjoni tal-art mertu ta' din il-kawza, u dan, minkejja illi l-art ilha li ttiehdet sa mis-sena 1986. Dan zgur illi jmur kontra l-principju tal-legalita` u tal-proporzjonalita` li ghandhom jakkumpanjaw kwalsiasi tehid forzus ta' proprjeta` sabiex dan ma jkunx leziv tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti protetti fl-artikoli precitati.

31. L-Artikolu 12 tal-Kap. 88 jaghti lill-Kummissarju s-setgha li jidhol fuq art privata u jaghmel dak kollu li jista' jaghmel sid, kemm-il darba fir-rigward tat-tehid ta' dik l-art tkun giet pubblikata d-dikjarazzjoni presidenzjali li l-art hi mehtiega ghal skop pubbliku. Fejn, bhal fil-kaz odjern, din id-dikjarazzjoni ma tkunx saret, allura l-Kummissarju ma jkollux is-setgha legali li jiehu l-art f'idejh u, f'dak il-kaz, sid l-art ikun qed jigi imcahhad mit-tgawdija ta' hwejgu bi ksur tal-ligi.

32. Barra minnhekk din il-Qorti tosserva li jispetta lill-awtorita` pubblika, f'dan il-kaz il-Kummissarju tal-Artijiet, l-obbligu illi, wara li jiehu pussess ta' art, jipprocedi fi zmien ragjonevoli bil-procedura tal-esproprju u bil-konsegwenti hlas tal-kumpens. Dan il-hsieb huwa in linea ma' dak enuncjat mill-Qorti Ewropea fil-kawza **Victoria Vassallo v. Malta**[22] deciza fil-11 ta' Ottubru 2001:

---

[21] Vide fost ohrajn Nota tax-xhud Peter Mamo a fol. 327 tal-process.
[22] Applik. Nru. 57862/09, para 56.

> "...owners could not be expected to incur the expense and burden of instituting proceedings to ensure the authorities' fulfilment of their legal obligations [enfasi ta' din il-Qorti] [see, mutatis mutandis, Apostol v Georgia, no.40765/02 para.64-65 ECHR 2006-XI in relation to enforcement proceedings]. Moreover, the mere fact that the Government would have been forced by means of a court decision to initiate proceedings, would not guarantee that those proceedings would thereafter be pursued with due diligence."

33. Issir referenza wkoll ghall-kawza **Deguara Caruana Gatto v. Malta**[23] deciza fid-9 ta' Lulju 2013, fejn il-Qorti Ewropea osservat:

> "The taking of property can be justified only if it is shown, inter alia, to be "in the public interest" and "subject to the conditions provided for by law".[24]
>
> "Abnormally lengthy delays in the payment of compensation for expropriation lead to increased financial loss for the person whose property has been expropriated, putting him in a position of uncertainty (see Akkuş v. Turkey, 9 July 1997, § 29, Reports of Judgments and Decisions). The same applies to abnormally lengthy delays in administrative or judicial proceedings in which such compensation is determined, especially when people whose property has been expropriated are obliged to resort to such proceedings in order to obtain the compensation to which they are entitled (see Aka v. Turkey, 23 September 1998, § 49, Reports and Vassallo, cited above § 39)."[25]

34. Fil-kaz odjern jirrizulta car li l-agir, jew ahjar in-nuqqas ta' agir, da parti tal-Kummissarju, konsistenti fil-fatt li, minkejja t-tehid materjali tal-pussess tal-art de quo, huwa ghadu jinjora l-procedura preskritta mil-ligi bir-rizultat li dan gab dewmien eccessiv (dewmien li ghadu ghaddej)

[23] Applik. Nru. 14796/11.
[24] Ibid, para 49.
[25] Ibid, para 52.

sabiex ir-rikorrenti jigu ikkumpensati ghat-telf ta' proprjeta` illi garrbu bl-esproprijazzjoni *de facto* tal-art taghhom, huwa vjolattiv kemm tal-ligi ordinarja kif ukoll tal-artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali fuq citati. Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti kienet korretta l-ewwel Qorti meta sabet li dan l-agir tal-intimati huwa leziv tad-drittijiet tar-rikorrenti taht l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

35. Inoltre, is-sottomissjoni tal-Kummissarju illi l-esproprijazzjoni ma setghetx issir (u ghadha ma tistax issir) peress illi l-Awtorita` intimata ma ghaddietlux il-fondi ghal dan l-iskop huwa fattur irrelevanti ghall-finijiet tal-kawza odjerna ghax dan il-fattur ma jikkoncernax lir-rikorrenti. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti z-zewg intimati jirrapprezentaw lill-Istat u jekk hemm procedura li trid tigi segwita minn awtoritajiet pubblici differenti, huwa fl-obbligu ta' dawn li jsegwu l-procedura skont il-ligi b'mod li jekk din, ghal xi raguni jew ohra ma tigix segwita, l-Istat jispicca fi stat ta' illegalita`. Dan igib fix-xejn is-sottomissjoni tal-Awtorita` li hi m'ghandha ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti ghax l-obbligi naxxenti mill-procedura tal-espropriju huma fuq il-Kummissarju. Hija tassew fiergha din is-sottomissjoni meta tigi meqjusa fid-dawl tal-fatt li l-pussess materjali tal-art de quo ttiehed mill-Awtorita` intimata. Dak li certament ma jistax jibqa' jissussisti b'impunita` huwa l-pregudizzju li qeghdin isofru r-rikorrenti minhabba dan in-nuqqas tal-Istat.

36. Rigward dik il-porzjon ta' art formanti parti mis-*service road*, il-Kummissarju jissottometti illi din saret fuq triq diga` ezistenti u li fil-passat kienet miftuha x'aktarx minn terzi privati sabiex jghaddu ghall-proprjeta` taghhom. Jghid ghalhekk illi l-parti tal-art li r-rikorrenti ghandhom jigu kumpensati ghaliha hija biss ta' 78 m² u mhux 198 m².

37. L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni illi fuq bazi ta' probabbilita`, is-*service road* saret bhala parti mill-progett tal-Bypass ta' Birkirkara. Hija waslet ghal din il-konkluzjoni wara li ghamlet diversi osservazzjonijiet siewja fis-sentenza appellata.

38. F'dan l-istadju din il-Qorti tirribadixxi li:

> "Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragjonevoli, hija dik li jkun hemm certezza morali f'mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f'kawzi civili hija l-effett tal-bilanc ta' probabilitajiet. Mera possibilita` mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabbilita` civili. [PA **Frank Giordmania Medici et v. William Rizzo u Gaetana Rizzo**, deciz 28 ta' April, 2004]." [App.S 836/01 **Joseph Zammit v. Joseph Bonello**, 27 ta' Marzu 2015]

39. Bhall-ewwel Qorti, din il-Qorti ma jirrizultalhiex li gew prodotti provi sodisfacenti illi s-*service road* in kwistjoni kienet gia` nfethet qabel ma saret il-Bypass u li din kienet saret minn terzi privati. A skans ta' ripetizzjoni, issir referenza ghall-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti in

mertu u din il-Qorti ma tarax li ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmula minn dik il-Qorti fir-rigward.

40. B'mod partikolari, issir referenza ghax-xiehda tal-Perit Godwin Abela tal-20 ta' Mejju 2013, li b'mod car jikkonferma dak kontenut fir-rapport tieghu u jispjega illi:

> "Meta ghandek dual carriage way bil-fors ghandek bzonn is-service road. … [Id-djar] Ma jistghux jaghtu ghal fuq id-dual carriage way. Ghalhekk jiena insostni li s-service road hi kumplimentari ghal bypass. Jekk ma kellekx taghmel service road ifisser li n-nies li ghandhom id-djar ma humiex ser johorgu minn djarhom. Bilfors kellhom isiru flimkien is-service road issir mal-Bypass"[26]

41. Issir referenza wkoll ghall-affidavit ta' Peter Mamo[27] in rapprezentanza tad-Dipartiment tal-Artijiet, kif ukoll ghax-xhieda ta' Jeffrey Formosa, ufficjal tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta, tat-22 ta' Novembru 2013[28] fejn, ghalkemm dawn isostnu li s-*service road* kienet infethet qabel ma saret il-Bypass, din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li t-tezi taghhom hija mibnija fuq suppozizzjonijiet u kongetturi.

42. Fl-affidavit tieghu l-imsemmi Peter Mamo jsostni illi diga` kien hemm *service road* meta giet mitluba l-esproprijazzjoni ghal B'Kara Bypass *"peress li diga` kien hemm zvilupp aktar 'l gewwa mill-proprjeta` tal-istess konjugi Meli.."*. Bhall-ewwel Qorti, din il-Qorti ma taqbilx mal-

[26] Fol. 334.
[27] Fol. 287.
[28] Fol. 346.

konkluzjoni ta' dan ix-xhud li hija ibbazata biss fuq suppozizzjoni u mhux fuq xi prova konkreta u, kif rilevat mill-ewwel Qorti, ghalkemm fil-pjanta Dok PM8[29] [fol. 297], li ghandha t-timbru tal-1985, hemm parti indikata bhala "service road" ma tressqet ebda prova li fil-fatt is-*service road* kienet gia` kostruwita. Din il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward.

43. Fin-nuqqas ta' prova tangibbli dwar meta saret is-*service road* u minn min saret, l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment tistrieh fuq il-konkluzjonijiet tal-Perit Godwin Abela in meritu u tikkonkludi ghalhekk illi s-*service road* saret b'mod kumplimentari ghall-Bypass ta' Birkirkara in kwantu din kienet *dual carriage way* u kienet ghalhekk bilfors tehtieg *service road* ghall-uzu tar-residenti milqutin.

44. Kienet ghalhekk korretta wkoll l-ewwel Qorti meta ordnat li fil-perjodu indikat minnha fil-parti operattiva tas-sentenza l-intimati ghandhom jaghmlu dak kollu li hu necessarju sabiex isir l-espropriju tal-art b'kejl komplessiv ta' mija u tmienja u disghin metri kwadri (198mk), u dan bil-mod kontemplat fl-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88).

45. Ghaldaqstant dawn l-aggravji huma kollha infondati u ghalhekk

[29] Pjanta mahruga mir-"Road Projects Design Office" – W.D.

qed jigu michuda.

*It-tieni aggravju tal-appell incidentali*

46. Dan l-aggravju jirrigwarda l-fattur tal-perjodi ta' zmien li l-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni "fl-eventwalita` li jigu likwidati xi danni favur ir-rikorrenti appellati".

47. Din il-Qorti tosserva li, tenut kont li l-ewwel Qorti fis-sentenza parzjali appellata ma illikwidat ebda danni imma tat biss rimedju specifiku u din il-Qorti wkoll ma hix ser tillikwida danni favur ir-rikorrenti appellati, dan l-aggravju huwa irrelevanti ghall-finijiet tal-appell odjern.

48. Ghaldaqstant din il-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni aktar ta' dan l-aggravju.

*Ir-raba' aggravju tal-appell incidentali*

49. Dan hu dirett lejn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti ordnat bhala rimedju li sad-data indikata fl-istess sentenza, "l-intimati jaghmlu dak kollu li hu necessarju sabiex isir l-espropriju" tal-art hemm indikata.

50. L-Awtorita` tissottometti li, kieku ma kienx ghan-nuqqas tal-Kummissarju li jagixxi tempestivament fuq it-talba maghmula lilu mill-awturi taghha fil-5 ta' Dicembru 1985 u talba ohra ricenti maghmula mill-istess Awtorita` fit-30 ta' Mejju 2008 ghall-espropriju tal-porzjon ta' art

intiza ghall-kostruzzjoni tal-Bypass ta' Birkirkara, "il-ksur tad-drittijiet fundamentali ikkontemplat mill-ewwel Qorti ma kienx ikompli jissussisti."

51. Skont l-Awtorita` l-ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti waqaf fid-data meta kienet saret l-ewwel talba mill-Awtorita` lill-Kummissarju ghall-esproprijazzjoni tal-art koncernanti l-Bypass ta' Birkirkara u dan peress li "l-istultifikazzjoni tal-process tal-esproprju" ma jirrizultax li huwa tort taghha; kien l-obbligu tal-Kummissarju li malli irceva t-talba ghall-esproprju tal-art jibda l-proceduri appoziti skont il-ligi.

52. L-Awtorita` tkompli tispjega hekk dan l-aggravju:

> "Ghal kull buon fini jigi rilevat li f'kazijiet ta' tehid ta' art li sehh wara l-1 ta' Jannar 1995, il-prattika hi li malli l-Kummissarju appellanti (li skond il-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta huwa l-awtorita' kompetenti fi kwistjonijiet ta' esproprijazzjoni) jircievi talba ghall-esproprju minghand l-entita' governattiva relattiva, l-istess Kummissarju appellanti ghandu jaghmel evalwazzjoni tal-art mertu tat-talba u jibghat tali evalwazzjoni lill-entita' governattiva relattiva sabiex dina tkun tista' titrasferixxi l-fondi lill-Kummissarju tal-Artijiet. F'kazijiet ta' tehid ta' art li sehh qabel l-1 ta' Jannar 1995, li huwa l-kaz tal-art tal-Birkirkara Bypass mertu ta' dina l-kawza, il-flus ghall-kumpens ma jigux trasferiti mill-entita' governattiva, f'dan il-kaz l-Awtorita` esponenti, izda jithallsu direttament mil-Lands Department ossia mill-Capital Vote tal-Government Property Division. Dan huwa stabbilit fl-MF Circular 16/94. Filfatt, kif jirrizulta mill-provi, l-Awtorita` esponenti qatt ma rceviet ittra minghand il-Kummissarju appellanti dwar il-valutazzjoni tal-art koncernanti il-Birkirkara Bypass."

53. Din il-Qorti tikkondividi l-konsiderazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti fir-rigward, fis-sens li z-zewg intimati jirrapprezentaw lill-Istat u ghalhekk kwalunkwe policy kontenuta f'cirkulari governattiva li tirregola l-affarijiet interni ta' bejniethom, inkluzi dawk rigwardanti minn fejn

johorgu l-flus ghall-espropriju, hija materja li m'ghandhiex tinteressa lir-rikorrenti li ghat-tehid tal-art taghhom bi ksur tal-ligi u tad-dritt fundamentali taghhom ta' proprjeta` jafu biss lill-Istat.

54. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

55. Ghaldaqstant l-aggravji huma infondati u qed jigu michuda.

Decide

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti tiddeciedi billi tichad l-appell tal-intimat Kummissarju tal-Artijiet u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti fl-intier taghha, b'dan pero` li l-perjodu indikat fil-parti operattiva tas-sentenza appellata jigi estiz ghal tlett xhur millum.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif regolati mill-ewwel Qorti, filwaqt li l-ispejjez tal-appell principali jkunu a kariku tal-Kummissarju intimat u dawk tal-appell incidentali jkunu a kariku tal-Awtorita` intimata.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df